MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Numru. 444/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Daryl Borg**

**VS**

**ABOUKEM RAMI, iben Abdil Hafid u Mabruk nee' El Ajmi, imwieled Tripoli nhar l-24 ta' Gunju, 1990, residenti fil-fond 74, Ponsonby Street, Gzira, Malta, detentur tal-passaport Libjan Numru 130807;**
**U EL MAMRIE KHALED, iben Abdalla u Mabruka nee' Muhammed, imwieled Tripoli nhar it-18 ta' Awwissu, 1986, residenti fil-fond 74, Ponsoby Street, Gzira, Malta, detentur tal-passaport Libjan Numru 931926**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Aboukem Rami** u **El Mamrie Khaled** li gew akkuzati tali fil-lejl ta'

bejn id-9 ta' Mejju, 2013 u l-10 ta' Mejju, 2013, gewwa San Giljan:

- Ikkommettew serq ta' handbag, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Valerie Burke.

Rat il-kusens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputati ddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputati mal-prezentata b'arrest, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnhom, mistoqsija mill-Qorti sabiex jergghu jahsbu dwar l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-Artikoli 261, 267, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija **Aboukem Rami** u **El Mamrie Khaled** hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, u tikkkudannahom ghal piena karcerarja ta' sitt(6) xhur sospizi ghal sena(1), u dan wara li rat l-Artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------